**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 31 ta' Jannar 2017**

Rikors Guramentat Nru. 68 / 13RGM

Kawza fil-lista: 12

**W X**
**vs**
**L X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi b'sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet "W X pro et noe vs. L X" (Citazzjoni numru 1169/92 FD) l-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla ddecidiet 'inter alia' –

"Tilqa' t-Tielet Domanda billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti, u tillikwida l-istess komunjoni billi tiddikjaraha li tikkonsisti fid-dar matrimonjali li ggib in-numru sbatax (17), fi Triq il-Parata f'Santa Venera u l-ghamara u l-oggetti li jinsabu gewwa fiha, l-ammonti ta' flus li jinsabu fil-banek u l-oggetti kollha li jinsabu fil-pussess tal-kontendenti, u tiddividiha billi tassenja lill-attrici dak kollu li jinsab fid-dar matrimonjali hlief ghall-ilbies u l-oggetti personali tal-konvenut li qed jigu lilu assenjati; dwar id-dar matrimonjali tordna li dina tinbiegh bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' obblaturi estranei wara li jghaddu sentejn mid-data ta' din is-sentenza, u f'dan l-intervall l-attrici ghandu jkollha l-uzu esklussiv ta' l-istess dar u l-konvenut ghandu jhalli d-dar ghal kollox fi zmien tletin (30) gurnata millum; mir-rikavat ta' l-istess bejgh tal-fond matrimonjali l-attrici ghandha tircevi s-somma ta' tlett elef lira Maltin (Lm3,000)

u l-bilanc ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; il-partijiet ghandhom izommu ghalihom dak kollu li prezentement jinsab fil-pussess taghhom u dan kollu jkun per saldu ta' kull pretensjoni li hurna jistghu jkollhom kontra xulxin jew kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti."

2. Illi wara li ghalqu s-sentejn, L X talab li d-dar tinbiegh bis-subbasta.

3. Illi fil-jum tas-subbasta, tnejn minn ulied il-kontendenti u zwieghom offrew li jixtru n-nofs indiviz minghand missierhom, u dan accetta li jbiegh in-nofs indiviz appartenenti lilu liz-zewg uliedhom u zwieghom, u b'hekk l-ewwel gie ffirmat konvenju u sussegwentement sar dan il-bejgh.

4. Illi b'sentenza moghtija fit-3 ta' Frar 2012 "Fl-Atti tar-rikors Revoka numru 363/11JA wara l-atti ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 466111 fl-ismijiet W X vs. L X", l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddecidiet-

" .... Li hu zgur hu li t-titolu ezekuttiv ghal Lm3,000 jezisti biss mal-bejgh tad-dar matrimonjali bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' obblaturi estranei; jekk tippretendi li xorta wahda hija intitolata ghal dik is-somma, anke fic-cirkostanzi prezenti, trid tagixxi gudizzjarjament biex il-Qorti tara jekk ghandhiex taghti tali dikjarazzjoni. Ma tistax, pero, tippretendi li ghandha titolu ezekuttiv a bazi ta' cirkostanzi differenti minn dawk kontemplati mill-Qorti ghal holqien ta' tali titolu."

5. Illi l-esponenti ssostni li s-somma ta' Lm3,000 (EUR6,988.12) tmiss lilha u tikkontendi illi bis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000, l-Onorabbli Qorti Civili Prim'Awla riedet li 'in fin dei conti' l-esponenti tircievi sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti - ghax hekk intqal fis-sentenza - billi mir-rikavat tal-bejgh tal-fond matrimonjali l-attrici tircevi s-somma ta' Lm3,000.

6. Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi minkejja l-bidla fic-cirkostanzi billi d-dar ma nbieghetx bis-subbasta izda L X inkassa l-prezz ghas-sehem indiviz tieghu mill-imsemmija dar matrimonjali billi biegh dan is-sehem lil tnejn minn uliedu ghall-prezz accettat minnu, ir-rikorrenti W X xorta wahda ghandha tircievi s-somma ekwivalenti ghal Lm3,000 bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

2. Tikkundanna lill-konvenut L X ihallas lil W X is-somma ta' Euro 6,988.12, ekwivalenti ghal Lm3,000.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati jirrilaxxja a favur l-attrici W X l-imsemmija somma mic-Cedola li biha l-ammont issekwestrat minghand L X gie ddepozitat il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u kwindi ghandhom jigu lkoll respinti ghar-ragunijiet elaborati ahjar aktar 'l isfel f'din ir-risposta u kif ukoll kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta' dan il-process;

2. In linea preliminari, pero, jinghad li l-meritu ta' dan ir-rikors gia jinsab ezawrit in vista tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 3 ta Frar 2012 u ghalhekk il-materja in kwistjoni tinsab res judicata;

3. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess jinghad inoltre li 1-attrici ma ghandha ebda nteress guridiku tintavola l-odjerni talbiet taghha in vista tal-fatt li hija gia talbet u rceviet minghand ir-Registratur tal-Qorti l-kumplament tal-flus li kien hemm depositati l-Qorti in segwitu tal-mandat ta sekwestru esekuttiv numru 466/11 u dana ghas-saldu ta' kull dritt u pretenzjoni li hija setgha kellha fil-konfront tal-meritu tal-precitat mandat;

4. Illi fi kwalunkew kaz l-attrici ma ghandha ebda dritt legali li tippercepixxi l-imsemmija somma ta Lm3,000 illum €6,988.12 in vista tar-ragunijiet gia espressi fil-precitata sentenza tal-Appell u kif ukoll peress illi d-dar matrimonjali baqghet ma nbieghetx u l-istess attrici ghadha sal-gurnata tallum tokkupa l-istess bhala r-residenza ordinarja taghha;

5. Illi fi kwalunkwe kaz jinghad inoltre li kienet intlahqet transazzjoni bejn il-konjugi X meta sehem il-konvenut kien inbiegh lil tnejn minn uliedhom minflok l-intier lil terzi barranin bis-subbasta u ghalhekk ghal din ir-raguni ukoll l-attrici ma fadlilha ebda nteress guridiku li tibqa tressaq simili pretenzjoni a bazi tas-sentenza tas-separazzjoni datata 18 ta Ottubru tas-sena 2000;

6. B'riserva li jitressqu risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li minn issa tinsab ingunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat s-sentenza in parte moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Gunju 2014 li permezz taghha cahdet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenut fejn kien gie eccepit illi l-mertu tal-kawza jinsab res judicata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Frar 2012 u ordnat il-prosegwiment tat-trattazzjoni tal-kawza.

Rat x-xiehda tal-attrici li xehdet fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2015, mizmuma mill-Assistant Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fis-17 ta' Awissu 2015;

Rat ix-xhieda tal-attrici li xehdet quddiem il-Qorti fis-seduta tat-28 ta' April 2016;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-istess seduta li ordna l-allegazzjoni tal-atti tas-subbasta fl-ismijiet " L X vs W X", l-atti tac-cedola numru 493/11 u l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 466/11;

Rat x-xhieda tal-konvenut u tal-Avukat Dottor Raphael Fenech Adami, li xehdu quddiem il-Qorti fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

L-attrici, fl-affidavit taghha (Fol 61), ddikjarat li f'din il-kawza qed titlob is-somma ta' LM3,000, l-ekwivalenti ta' Euro 6,988.12, li giet lilha assenjata in forza tas-sentenza tal-kawza ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet deciza fit-18 ta' Ottubru 2000. Permezz tal-imsemmija sentenza gie ddikjarat illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tikkonsisti fid-dar matrimonjali, 17 Triq il-Parata, f'Santa Venera u l-ghamara u l-oggetti li jinsabu go fiha, flus li jinsabu depozitati fil-banek, u l-oggetti kollha li jinsabu fil-pussess tal-kontendenti. Giet ordnata d-divizjoni tal-istess billi gie assenjat lill-attrici dak kollu li jinsab fid-dar matrimonjali, hlief ghall-ilbies u l-oggetti personali tal-konvenut li gew lilu assenjati u gie ordnat li d-dar matrimonjali tinbiegh bl-offerti, bl-inkluzjoni ta' obblaturi estranji, wara sentejn mid-data tas-sentenza, fl-interval l-attrici jkollha l-uzu esklussiv tad-dar li l-konvenut kellu jivvaka f'zmien 30 gurnata mis-sentenza. Mir-rikavat tal-biegh tad-dar matrimonjali l-attrici kellha tircevi s-somma ta' LM3,000 u l-bilanc jinqasam ugwalment bejniethom; il-partijiet ghandhom izommu ghalihom dak kollu li prezentement jinsab fil-pussess taghhom u <u>dan kollu per saldu ta' kull pretensjoni li huma jista' jkollhom kontra xulxin jew kontra il-komunjoni tal-akkwisti'</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti).

Sussegwentement zewgha kien talab il-bejgh bis-subbasta tad-dar matrimonjali. Jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet illi sabiex jigi evitat il-bejgh bis-subbasta tad-dar matrimonjali u aktar minn hekk sabiex jigi evitat li l-attrici jkollha tivvaka d-dar matrimonjali b'konsegwenza ta' bejgh lil terzi, tnejn minn ulied il-partijiet avvicinaw lill-konvenut missierhom u xtraw in-nofs indiviz tad-dar matrimonjali minghandu.

Il-vertenza mertu ta' din il-kawza hi naxxenti mill-fatt illi wara li l-konvenut biegh sehemu mid-dar matrimonjali lil uliedu, l-attrici talbitu l-ekwivalenti ta' Lm3,000 izda l-konvenut qed jirrifjuta peress li jsostni illi una volta d-dar ma nbieghetx bis-subbasta kif kontemplat fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000 u peress li l-attrici baqghet tirritjeni sehemha indiviz tal-istess dar u baqghet fiha tirrisjedi allura s-somma ta' Lm3,000 ma kinitx dovuta lilha.

L-attrici tikkontendi illi is-somma ekwivalenti ghal Lm3,000 giet lilha akkordata mill-Qorti bhala sehemha mil-likwidazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Tghid illi assi tal-komunjoni kien hemm inter alia speed boat bil-karru, zewg karozzi, Van Astra Numru J-7538 u karozza Cortina Granada Numru B-8160, Caravan kbir gdid, ghamara u diversi appliances fl-istess Caravan, magni u ghodda li l-kontro parti kien jzomm fil-garage 'Sunlord' St. George's Street, Ghaxaq,u numru konsiderevoli ta' ankri. Bid-decizzjoni tat-18 ta' Ottubru 2000 l-oggetti kollha imsemmija li kienu assi tal-komunjoni u li kellhom certu valur u li kienu fil-pussess tal-konvenut,, gew assenjati kollha lill-konvenut. Ghalhekk issostni illi s-somma ta' LM3,000 kienet tirrappresenta sehmha mill-komunjoni tal-akkwisti kif likwidat u diviza mill-Qorti.

L-attrici ddikjarat illi t-tfal kienu intervjenew sabiex jissalvagwardjaw il-posizzjoni taghha, cioe' biex ma titkecciex mid-dar residenzjali taghha. Ghalhekk illum nofs indiviz tad-dar jappartjeni lill-attrici filwaqt li n-nofs indiviz l-iehor jappartjeni lil ulied il-partijiet. L-attrici baqghet tirrisjedi f'din id-dar.

L X, il-konvenut, xehed fil-25 ta' Mejju 2016, (Fol 119). Hu kkonferma li d-dar matrimonjali kienet fl-indirizz 17, Triq il-Parata, Santa Venera, u li s-separazzjoni personali saret b'kawza mhux b'kuntratt. Id-dar skond is-sentenza kellha tinbiegh bis-subbasta wara certu zmien u hu kien beda dawn il-proceduri. Hu kkonferma li l-mara opponiet ghal dawn il-proceduri tant li meta kellu jigi l-perit telqet 'l barra u ma tiftahlux u kienet ukoll topponi ghal fatt li hu kien jiehu xi nies interessati li jixtru d-dar. Is-subbasta kienet giet appuntata izda ma saritx billi qalet li kienet ser tixtriha hi izda xtrawha tnejn minn uliedhom, u gie ezebit il-konvenju datat 17 ta' Frar 2011. Gie ezebit ukoll il-kuntratt pubblikat minn nutar Dottor Joanne Lia fit-28 ta' Frar 2011 (fol. 133).

Hu kkonferma li fid-dar kienet toqghod l-attrici, kemm qabel sar il-kuntratt, kif ukoll wara. Iddikjara li accetta li jbiegh lit-tfal ghax kien jirrispetthom. Il-prezz kien kif stabbilit mill-Perit Briffa, li kien gie nominat fil-proceduri tas-subbasta u fuq il-kuntratt thallas b'cheques li ddepozithom fil-Bank.

L-Avukat Dottor Raphael Fenech Adami, l-konsulent legali tal-konvenut, xehed fl-istess seduta, Fol 126. Hu kkonferma li qabel il-konvenut kien patrocinat minn haddiehor, u hu kien gie inkarigat biex jipprocedi bis-subbasta li skond s-sentenza kellha ssir wara certu zmien. Waqt dawn il-proceduri, saru diversi rikorsi mill-

attrici, biex is-subbasta ma titkompliex. Dawn it-talbiet kienu gew michuda u s-subbasta kienet giet appuntata. F'dik il-gurnata stess jew lejliet rcieva kommunikazzjoni minn ghand l-avukat tal-attrici bi proposta sabiex id-dar flokk tinbiegh lill-terzi bis-subbasta, sehem L X jinxtara minn uliedhom. Hu gharraf lill-klient tieghu, il-konvenut, b'din il-proposta, u dan accetta. Dan il-ftiehem kien ovvjament ifisser li l-attrici, li kienet qed tghix fil-post, tibqa tghix f'dik il-propjeta'. Sar il-konvenju mat-tfal tal-partijiet u wara sar il-kuntratt, bil-valur tal-istima tal-Perit nominat mill-Qorti. Hu ddikjara li ghalkemm il-ftehim sar mat-tfal, dan sar fuq suggeriment ta' Dottor Tonio Azzopardi ghall-attrici,biex "il-kwistjoni ta' bejniethom tieqaf hemm". Xtraw it-tfal ghax hi ma kellhiex biex tixtri u sar a beneficcju taghha. L-attrici qatt ma kienet ipproponiet li tixtri hi.

Ir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, b'nota tad-19 ta' Mejju 2016 (Fol 117), ppresenta l-atti segwenti a tenur tal-verbal tat-28 ta' April 2016:

Is-Subbasta Immobbli 59/2006 fl-ismijiet: L X vs W X.
Is-Subbasta Immobbli 26/2009 fl-ismijiet: L X vs W X.
L-atti tac-cedola 493/2011 fl-ismijiet: W X vs L X.
L-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 466/2011 fl-ismijiet: W X vs L X.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Permezz tas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Ottubru 2000 gie ordnat inter alia (1) illi d-dar matrimonjali tinbiegh bis-subbasta zmien sentejn mis-sentenza u (2) illi mir-rikavat tal-bejgh l-ewwel l-attrici tippercepixxi s-somma ta' Lm3,000, u r-rimanenti jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Kif rajna l-bejgh bis-subbasta ma sehhx ghaliex wara diversi tentativi da parti tal-konvenut sabiex id-dar tinbiegh bis-subbasta, intervjenew tnejn minn ulied il-partijiet u bi ftehim mal-konvenut xtraw sehemu ghal prezz bonarjament pattwit bejniethom.

L-attrici qed tikkontendi illi una volta l-konvenut biegh is-sehem tieghu mid-dar matrimonjali u inkassa l-prezz relattiv huwa debitur taghha fis-somma ta' €6,988.12 ai termini tas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000. Mill-banda l-ohra l-konvenut qed isostni illi una volta d-dar matrimonjali ma nbieghetx bis-subbasta izda kien hu biss li biegh sehemu tant li l-attrici kienet u ghadha tirrisjedi fid-dar matrimonjali allura l-ekwivalenti ta' Lm3,000 ma humiex dovuti lill-attrici.

Ikkunsidrat;

L-Eccezzjonijiet tal-Konvenut.

Il-konvenut, fit-tielet eccezzjoni tieghu, ddikjara li l-attrici ma ghandha l-ebda interess guridiku biex tipprocedi b'din it-talba billi hi 'gia talbet u rceviet minn ghand ir-Registratur tal-Qorti l-kumplament tal-flus li kien hemm depozitati l-Qorti in segwitu tal-Mandat Ezekuttiv numru 466/11 u dana ghas-saldu ta' kull dritt u pretensjoni li hija seta' kellha fil-konfront tal-meritu tal-precitat mandat'.

Dwar dan ghandu jigi rilevat li ghallkemm l-ammont originarjament depozitat wara s-Sekwestru Ezekuttiv kien jinkludi s-sorte fl-ammont ta' Euro6,988.12 (LM3,000), dan ma giex sbankat mill-attrici, izda mill-istess konvenut wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Frar 2012, li rrevokat il-mandat parzjalment in kwantu kien jirreferi ghall-imsemmi ammont, billi d-dar ma kinitx nbieghet kif indikat fis-sentenza tal-kawza ta' separazzjoni ta' bejniethom tat-18 ta' Ottubru 2000.

In oltre, d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ma ddikjaratx li l-attrici ma ghandha l-ebda dritt ghall-imsemmi ammont, izda ddikjarat li f'dak l-istadju l-attrici ma setghetx tipprocedi b'mandat ezekuttiv kontra l-konvenut peress li l-bejgh tad-dar matrimonjali ma sarx kif indikat fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000, li bil-mandat intalbet l-ezekuzzjoni taghha.

L-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell, iddirigiet lill-attrici, li jekk jidhrilha, li ghalkemm il-post ma nbieghx kif indikat fis-sentenza ta'separazzjoni, hi xorta wahda kellha dritt ghall-imsemmija somma, kellha tipprocedi b'kawza ghal tali dikjarazzjoni. Dan ma jhalli l-ebda dubbju li l-attrici ghandha interess guridiku biex tipprocedi b'din l-kawza, dritt li gie rikonoxxjut mill-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara t-tielet eccezzjoni bhala infondata u qed tigi respinta.

Fir-raba' eccezzjoni tieghu l-konvenut jiddikjara li l-attrici ma ghandhiex dritt tippercepixxi l-imsemmija somma ta' Euro6.988.12 ghar-ragunijiet imsemija fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell, kif ukoll billi " d-dar matrimonjali baqghet ma nbieghtx u l-istess attrici ghadha sal-gurnata tallum tokkupa l-istess bhala r-residenza ordinarja taghha".

Fil-fehma ta' din il-Qorti mhux minnu li l-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tat-3 ta' Frar 2012 fl-atti ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 466/11 iddikjarat li l-attrici m'ghandiex dritt tippercepixxi s-somma ta' Lm3,000. F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell, ddikjarat illi "Li hu zgur hu li t-titolu ezekuttiv ghal LM3,000 jezisti biss mal-bejgh tad-dar matrimonjali bl-offerti u bl-inkluzjoni ta' obblaturi estranji" l-istess Qorti iddikjarat illi jekk l-attrici, fic-cirkostanzi prezenti, xorta tipprettendi li ghandha dritt ghal din is-somma, ghandha tipprocedi ghal tali dikjarazzjoni. Isegwi ghalhekk illi bis-sentenza tat-3

ta' Frar 2012 il-pretensjoni tal-attrici mertu tal-kawza odjerna thalliet impregudikata u ghalhekk m'ghandux ragun il-konvenut fir-raba eccezzjoni tieghu meta qed jilqa' ghat-talba attrici billi jsostni l-attrici m'ghandiex interess guridiku ghax skond il-konvenut il-pretensjoni tal-attrici gia' giet michuda bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. tat-3 ta' Frar 2012.

Fl-istess raba' eccezzjoni l-konvenut jeccepixxi illi l-attrici m'ghandiex dritt ghas-somma reklamata peress li "d-dar matrimonjali baqghet ma nbieghetx u l-istess attrici ghadha sal-gurnata tallum tokkupa l-istess bhala r-residenza ordinarja taghha.

Ikkunsidrat;

Bis-sentenza taghha tat-18 ta' Ottubru 2000 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet iddecidiet illi fil-likwidazzjoni u divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti l-attrici kienet intitolata ghas-somma ta' Lm3.000 rabtet il-hlas tal-imsemmija somma mal-bejgh tad-dar matrimonjali. Fil-fehma tal-Qorti is-sentenza tat-18 ta' Ottubrui 2000 rabtet il-hlas tas-somma ta' Lm3,000 mal-bejgh bis-subbasta tad-dar matrimonjali sabiex ma titfax piz finanzjarju zejjed fuq il-konvenut. Din is-somma ta' Lm3,000 giet ordnata li tithallas lill-attrici mill-fondi tal-komunjoni bhala ekwiparazzjoni ghal mod kif il-Qorti f'dik is-sentenza ordnat id-divizzjoni tal-assi mobiljari.

Kieku d-dar matrimonjali inbieghet fl-inter taghha bis-subbasta, jew fis-suq liberu, l-attrici kien ikollha dritt tippercepixxi s-somma ta' Lm3,000 mhux mis-sehem tal-konvenut mir-rikavat, izda mir-rikavat kollu qabel ma l-bilanc jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

In forza tal-kuntratt ta' bejgh ippubblikat min-Nutar Dottor Joanne Lia fit-28 ta' Frar 2011 (Fol. 133) il-konvenut biegh liz-zewg uliedu u lil zwieghom in-nofs indiviz tad-dar numru 17 Triq il-Parata, Santa Venera ghall-prezz ta' €51,250. Kieku ghas-sahha tal-argument id-dar matrimonjali inbieghet bis-subbasta ghas-somma ta' €102,500.00 (€51,250 x 2) l-attrici kienet tkun intitolata bis-sahha tas-sentenza tat-18 ta' Ottubru 200 l-ewwel ghas-somma ta' €6,988.12 (li qed tigi arrotondata ghas-somma ta' €7,000 ghal pratticita' matematika), u l-bilanc ta' €95,500 jigi diviz b'mod ugwali bejn il-partijiet b'dan illi l-attrici tkun ippercepiet komplessivament is-somma ta' €54,750 filwaqt li l-konvenut kien jippercepixxi s-somma ta' €47,750.00.

Tajjeb jigi sottolineat illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Ottubru 2000 il-Qorti ma kkundannatx lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm3,000, kif qed tippretendi llum l-attrici, izda ordnat li s-somma ta' Lm3,000 tigi l-ewwel percepita mill-attrici minn fondi komuni qabel mal-bilanc tar-rikavat tal-bejgh tad-dar shiha jigi diviz ugwalment.

Ghalhekk il-fatt li l-attrici zammet in-nofs indiviz taghha mill-immobbli filwaqt li l-konvenut biegh lil terzi n-nofs indiviz tieghu ifisser li l-attrici ghad ghandha f'idejha il-valur ta' €51,250 f'sehem indiviz mill-immobbli u ghalhekk ma' tali valur li baqa' f'idejha ma hiex intitolata ghas-somma addizzjonali ta' €7,000 izda ghas-somma ta' €3,500 sabiex b'hekk jibqa' f'idejha il-valur ta' €54,750.

Jigi ribadit u sottolinear illi s-somma ta' €7,000 ordnata li tithallas bis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000 ma kelliex tigi percepita mis-sehem tal-konvenut izda mill-assi komuni li nofshom jappartjenu lill-attrici.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut, fil-hames eccezzjoni tieghu, jikkontendi li ntlahqet transazzjoni bejn il-partijiet meta l-konvenut biegh sehemu lil tnejn minn uliedhom, minflok l-intier lill-terzi barranin bis-subbasta u ghalhekk l-attrici 'ma fadalilha l-ebda interess guridiku li tibqa' tressaq simili pretensjoni a bazi tas-sentenza ta' separazzjoni datata 18 ta' Ottubru tas-sena 2000'.

Ezaminat il-kuntratt ta' bejn bejn il-konvenut u uliedu u zwieghom jirrizulta li l-attrici ma kenitx parti minn dak il-kuntratt. Ma ngabet l-ebda prova li kien hemm xi att iehor li permezz tieghu intlahqet transazzjoni bejn il-partijiet jew xi atti li permezz taghhom l-attrici irrinunzjat ghall-pretensjoni taghha. Il-konvenut jissottometti li minn dan il-bejgh ta' sehemu, nofs indiviz lil tnejn minn uliedhom, finalment ibbenifikat unikament l-attrici, billi kieku l-post inbiegh lil terzi, hi kien jkollha tivvaka minnu u ssib akkomodazzjoni alternattiva, mentri b'dan il-mod hi setghet tibqa tirrisjedi fil-post.

Ghalkemm il-bejgh tad-dar matrimonjali ma sarx kif deciz fis-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2000, pero' dan ma jfissirx u ma jistax jigi interpretat li ghal din r-raguni l-attrici tilfet d-dritt ghall-sehmha mill-komunjoni tal-akkwisti kif likwidat mill-Qorti. L-anqas ma rrizulta li kien hemm xi rinunzja da parti taghha ghal din il-pretensjoni, jew xi ftiehem ta' transazzjoni fejn l-attrici rrinunzjat ghal din il-pretensjoni billi baqghet tokkupa d-dar matrimonjali kemm qabel kif ukoll wara li l-konvenut biegh sehemu lil tnejn minn uliedhom. Tali ftiehem ta' transazzjoni kif pretis mill-konvenut kellu jirrizulta minn ftiehem bil-miktub , car u inekwivoku, u mhux wiehed jassumi li kien hemm xi rinunzja da parti tal-attrici, sempliciment ghax finalment spiccat biex tibbenefika hi mill-bejgh li sar minn zewgha lil tnejn minn uliedhom.

**Artikolu 1233(d) tal-Kap 16** jipprovdi illi;

(1) Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku, ghandhom issiru b'att pubbliku jew bi skrittura privata, taht piena ta' nullita'

Ommissis

(d) it-transazzjoni.

**Artikolu 1718 tal-Kap 16** jipprovdi illi:

It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iweghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw li tkun sejra issir.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Grazio Patiniott et vs Anthony Cini et**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 saret referenza ghall-kawza fl-ismijiet " **Maria Attard vs Francesco Camilleri**" deciza mill-istess Qorti fit-30 ta' Gunju 2000. Il-Qorti ssottolinjat li ghalkemm potenzjalment kull vertenza setghet twassal ghal proceduri gudizzjarji, kull vertenza bhal din setghet ukoll tigi komposta barra il-Qorti. Il-ligi ma kinitx tesigi li kull ftiehem milhuq dwar vertenza kellu necessarjament jsir bil-miktub u jkun iffirmat mill-kontendenti. Il-ligi ma riedet bl-ebda mod tnaqqas il-valur ta' ftiehim bonarju sigillat bi ftiehim bil-fomm taht l-insenja tal-irgulija. Il-ftiehim kellu jkun bil-miktub biss meta l-vertenza dwar determinazzjoni ta' drittijiet u obbligi civili tkun tifforma il-mertu ta' kawza gia' mibdija jew li tkun sejra issir.

Il-kliem " kawza li tkun sejra issir" jimplika d-determinazzjoni ta' parti li kellha d-dritt li tagixxi biex tirrivendika d-drittijiet taghha u li tkun fil-punt li hekk taghmel. Fil-fatt il-gurisprudenza titkellem dwar "l-imminenza tal-kawza". (Vol XLV.11.668)

Il-paragrafu 3 tal-kuntratt tat-28 ta' Frar 2011, Fol 134, jikkostitwixxi konferma li ma saret l-ebda transazzjoni bejn il-partijiet f'dan is-sens. Dan il paragrafu qed jigi hawn riportat:

"Il-propjeta' hawn fuq deskritta qeghda tigi trasferita bil-pussess liberu u vakanti u libera minn kwalunkwe dritt ta' terzi, hlief dawk hawn stipulati, cioe' dawk tal-ko-propjetarja W X li qed tokkupa il-propjeta' bhala r-residenza ordinarja taghha".

Ma ssemmiex fil-kuntratt jekk l-okkupazjoni tal-fond mill-attrici kinitx gratuwita jew oneruza, izda semplicement gie rikonoxxjut mill-kontraenti li bhala fatt il-fond kien okkupat mill-attrici. Ma saret l-ebda riferenza ghall-pretensjoni tal-attrici ta' LM3,000. L-attrici, ghalkemm finalment ibbenefikat, ma kinitx parti

f'dan il-ftiehem u ma irrizultax li sar xi ftiehem iehor bejn il-partijiet dwar din il-pretensjoni tal-attrici.

Fil-fehma tal-Qorti il-hames eccezzjoni tal-konvenut ma fiha l-ebda fondament legaliu ghalhekk qed tigi respinta.

DECIDE.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet numri wiehed, tlieta u hamsa; tilqa' parzjalment ir-raba' eccezzjoni u tichadha fil-kumplament; u

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici billi tiddikjara illi minkejja li d-dar matrimonjali tal-partijiet ma inbieghetx bis-subbasta l-attrici ghandha d-dritt tircievi minghand il-konvenut is-somma ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) kif fuq spjegat.

2. Tilqa' parzjalment it-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €3,500.

3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba attrici u tordna lir-Registratur tal-Qorti jirrilaxxja a favur l-attrici s-somma ta' €3,500 dejjem jekk tali fondi ghadhom depozitati taht l-Awtorita' tal-Qorti.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**